MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 79

**7 ta' Mejju 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
John Borg - Kunsillier

**ASSENTI**
Mark George Abdilla – Kunsillier
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys**
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar*
*bi żvista ma ġewx notifikati

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony

Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Antoine Attard u s-Sur Owen Patrick Attard.

Għal din il-laqgħa kien hawn preżenti rappreżentanta minn *Projects Malta* Ms Krista Caruana, u l-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella.

**79.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

79.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

79.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu talba waħda għal apoloġija, mingħand il-kunsillier is-Sur John Borg li nqabad xogħol. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija b'mod unanimu.

**79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

79.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 78 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

79.2.2 Il-kunsillier is-Sinjura Marie Claire Zammit saqsiet dwar il-*culvert* quddiem il-Kunsill liema gradilji tiegħu qed jinqalgħu, u s-Segretarju qalilha li qegħdin f'kuntatt ma' TM. Hija qalet li din semmieta fil-laqgħa tal-Kunsill li għaddiet. Pero mill-minuti ma kienx hemm korrezzjonijiet x'isiru.

79.2.3 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja, il-minuti tal-laqgħa numru 77 ġew approvati bħala dokumenti korretti nem. con.

**79.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

79.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi kitbilna s-Sur John Tonna biex ngħinuh jirrestawra l-knisja ta' Santu Rokku minn barra. Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal li ma għandniex ninsew il-Vitorja u s-Sindku qalet li pero' l-ewwel issir din. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami saqsa jekk għandniex nixtru l-materjal aħna u hu jħallas tal-lavur, imma finalment ġie deċiż li l-ispiża ma kienetx se tkun kbira allura mmexxu.

79.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar f'xi attivitajiet li kellhom isiru mill-Kunsill, 21 ta' Mejju fis-6pm serata ma' Trevor Zahra fis-sala tal-Kunsill u 28 ta' Mejju fit-8.30pm *solar cinema* ma' Valletta 18 wara l-bażilika.

79.3.3 Is-Sindku qalet illi rċeviet email biex tapprova l-*performance appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv tas-Swatar. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi diment li ma jħallasx il-Kunsill tagħna ma nsibux oġġezzjoni. Is-Segretarju ħa javża b'dan lid-dipartiment u jekk ma jsirx hekk jerġa' jtella' l-item għad-diskussjoni.

**79.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

79.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit staqsiet dwar Triq Santu Rokku quddiem il-kappella u jekk jistax isir *yellow line* int u tiela' fuq in-naħa tax-xellug għax dejjem ikun hemm problemi. Fejn hemm id-djuq suppost ma jipparkja ħadd għax ma tgħaddiex karozza. Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv jikkomunika ma' TM u nieħdu parir tagħhom.

**79.5 Finanzi – Aġġustamenti ssuġeriti mill-Awditur**

79.5.1 Il-konsulent finanzjarju s-Sur Christian Vella qal illi l-awdituri lestew xogħlhom u qed jissuġerixxu xi aġġustamenti li hu jaqbel magħhom. Hu nnota b'sodisfazzjoni illi l-awdituri kkonfermaw *surplus* għas-sena li għaddiet, anzi tela' minn 19,000euro għal 25,900euro.

79.5.2 Żdied l-*accrued income* fuq il-proġett tal-Wied.

79.5.3 Aġġustament żgħir fuq l-LES

79.5.4 Aġġustament bi provvediment ikbar fuq il-proġett Ta' Paris Tieni fażi. (madwar 11,000euro)

79.5.5 Aġġustament fuq il-*greenpak fund* (minn *account* tefgħu f'*account* ieħor)

79.5.6 Sponsor ta' 6000euro fuq l-attivita' ta' Charles and Ron li daħlet din is-sena u ma ħadniex proviżjon għaliha.

79.5.7 Aġġustament żgħir f'diprezzament

79.5.8 Dawn l-aġġustamenti ġew approvati b'mod formali u s-Sindku u s-Segretarju ingħataw il-mandat jiffirmaw il-*financial statements* f'isem il-Kunsill.

**79.6 Dar ta' l-Anzjani**

79.6.1 Ms Krista Caruana min-naħa ta' *Projects Malta* qassmet preżentazzjoni dwar Id-Dar ta' l-Anzjani li hemm proposta li ssir fi Triq Ganu Birkirkara. (il-preżentazzjoni tinsab annessa ma' dawn il-minuti). Din se tkun PPP bejn il-gvern u l-privat. Il-prinċipju huwa finalizzat imma l-rfp għadha ma ħarġitx. Se jkun hemm ukoll *carpark*.

79.6.2 Hija talbet biex jekk il-Kunsill għandu mistoqsijiet tekniċi ngħadduhomlha email ħalli tkun tista' tgħaddihom lill-periti ta' *Projects Malta*.

79.6.3 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li kieku *Projects Malta* kellmuna qabel, aħna bħala Kunsill konna ngħaddu x-xogħol kollu li diġa' kien sar fuq id-dar. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi fil-fatt kienet ġiet avviċinata u għaddejna l-pjanti tal-perit tal-Kunsill, għalkemm kellhom isiru tibdil fuqhom minħabba *standards* ġodda.

79.6.4 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li qed jieħu pjaċir li dan il-proġett se jsir, għax il-MEPA kienet waqqfitu minħabba sqaq privat, bis-Sindku tgħid li dan il-proġett ilu se jsir mill-inqas tmintax –il sena u l-Kunsill huwa favuru. Is-Sindku rringrazzjat lil Ms Caruana u appellat biex dan il-proġett jibda u jispiċċa kemm jista' jkun malajr.

**79.7 Rapport Bord ta' Evalwazzjoni (Tender Knis)**

79.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni BLC2-2018 (Knis). Il-bord irrakomanda illi t-tender jingħata lil *Premier Business Limited* għall-ammont ta' 115,665 euro fis-sena. Dan ma kienx l-irħas *tender* imma min tefa' l-irħas, Wate Collection, li hu s-supplier eżistenti,

qalilna verbalment illi mhux interessat jaħdem iżjed magħna għax aħna fitti u nkunu rridu xogħol perfett. Ir-rakkomandazzjoni tal-bord intlaqgħet b'mod unanimu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hekk kif jiġu miftehma r-rotot u l-ġranet fejn u kif se jsir il-knis, jgħaddi l-informazzjoni lil kulħadd.

**79.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 59, u Petty Cash**

79.8.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tal-Viċi Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Viċi Sindku is-Sinjura Rita Borg.

79.8.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 57 kienet approvata nem. con. Dan fuq proposta tal-kunsillier is-Sur Anthony Butigieg issekondata mill-kunsillier is-Sur Owen Patrick Attard.

**79.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata għat-tnejn 4 ta' Ġunju fis-6pm.

Konfermati, illum 4 ta' Ġunju 2018.

Joanne Debono Grech
Sindku

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv